MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 1015/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Joseph Bondin**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Bondin ta’ 19-il sena, bin Nazzareno u Rita nee’ Corso, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Novembru, 1982 u residenti 73, Triq San Gorg, Bormla, detentur ta’ karta ta’ identita numru 0625782(M) akkuzat talli:

1. Fuq ir-ramla ta’ l-Bajja s-Sabiha Birzebbuga fid-9 ta’ Lulju 2002 bejn is-siegha u s-saghtejn ta’ wara nofsinhar ikkommetta serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom ecceda l-mitt lira Maltin izda ma jeccediex l-elf lira Maltin

ghad-dannu ta’ diversi persuni liema serq kien ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikolu 261 (c) u (g);  Art. 271 (a), u Art. 281 (a).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ somarjament mhux opposta mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat f’liema ammissjoni ippersista anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha.

Ikkunsidrat li r-rifurtiva giet ritornata.

Wara li rat l-artikolu 261 (c) (g), 271, 267, 279 u 281 tal-Kap 9.

Tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 3 snin millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbiltajiet tieghu naxxenti mis-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------